# KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA
**36, VIDENZA, TRIQ Il-MITĦNA**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**


## MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 62

Data tal-laqgħa: It-Tlieta 09 ta' Jannar 2024

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, fil-5.30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Daniel Mallia – Viċi Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Joseph Zahra – Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Ħadd ma kien assenti bi apoloġija

### ASSENTI:
Ħadd ma kien assenti

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Pamela Seguna – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

### 62.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

62.1.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji ma kienx hemm.

### 62.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 61

62.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal wieħed u sittin laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

62.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti. Korrezjonijiet ma kienx hemm.

62.2.3 Fuq proposta tal-Kunsillier Calcedonio Cini, li kien issekondat mill-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia, l-minuti tal-wieħed u sittin laqgħa ġew approvati unanimament.

### 62.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

62.3.1 Is-Sur Dalli tkellem dwar ix-xogħol li qed isir fi Vjal it-Trasfigurazzjoni. Huwa qal kif dan ix-xogħol huwa parzjalment lest minn naħa tal-bankini. Hemm problema bejn il-WSC u r-regolatur dwar kif ser isir ir-reinstatment ta' wiċċ it-triq bit-tarmac. Għaddeja korrispondenza bejn dawn l-entitajiet u l-kuntrattur u l-Kunsill qed jiġri warajhom biex din il-problema tissolva kemm jista jkun malajr.

62.3.2 Is-Sur Dalli qal li fil-ġranet tal-festi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena, speċjalment lejn l-aħħar ġurnata tas-sena, daħlu ħafna lmenti minn diversi residenti li joqgħodu viċin l-Iskola Primarja, li qed ikun hemm attivitajiet b'*sound* għoli ħafna li qed ikun ta' nkonvenjenza u jispiċċaw ma jistgħux jistrieħu, fi ġranet bħal dawn ta' mistrieħ u tal-familja.

*Il-Ħin kien 5:34pm x'ħin waslu l-Viċi Sindku Daniel Mallia u l-Kunsillier Joseph Zahra.*

62.3.3 Is-Sindku tkellem dwar il-latrina pubblika li hemm fil-Pjazza. F'din il-latrina hemm xi ħsara strutturali u l-Kunsill ngħata l-parir biex alissa tingħalaq kompletament. Peress li din il-latrina hija propjetà li taqa taħt r-responsabbilita tal-Cleansing Dept, il-Kunsill tkellem magħhom u kellu jintbgħat Perit biex jara l-gravita tal-ħsarat li hemm. Is-Sindku qal kif wieħed tajjeb ikun jaf li l-amministrazzjoni tal-Kunsill kienet waslet biex toħroġ tender pubblika biex issir refurbishment ta' din il-faċilita. Pero l-proċess biex tinħareġ din it-tender alissa kien l-aħjar li jieqaf biex il-kunsill jara eżatt l-ewwel nett din il-ħsara li hemm fiex tikkonsisti.

62.3.4 Is-Sur Dalli nforma lil Kunsilliera kif dak l-ammont ta' flus li kienu ġew allokati (EUR 22,000) mill-fondi tal-Kunsill lir-Reġjun Lvant biex jagħmel tajjeb għall-ħlasijiet tal-ġbir ta' l-iskart ġew lura u se jidħlu fil-kontijiet tal-Kunsill fil-jiem li ġejjien.

### 62.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

62.4.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub ma kienx hemm.

### 62.5 Korrispondenza

62.5.1 Is-Sindku tkellem dwar korrispondenza numru 02023/554 li kienet titratta fuq imejl bejn il-Kunsill Lokali u Infrastructure Malta. Huwa qal kif suppost appena l-Kuntrattur jlesti mill-bankina fi Vjal it-Trasfigurazzjoni, hemm ftiehem ma' Infrastrucutre Malta biex minnufih jibqa jaħdem fuq il-pavimentar fi Triq Preziosi Sqaq nru 2.

62.5.2 Is-Sur Dalli tkellem dwar korrispondenza numru 02023/560. Huwa qal kif fil- 5 ta' Frar ser jiġu xi nies mill-Universita fuq talba li huma għamlu biex jiltaqgħu mal-istaff tal-Kunsill u jagħmel kors ta' ġurnata.

62.5.3 Is-Sur Ċini xtaq update dwar korrispondenza numru 02023/565 – 'Rapport dwar fanali taz-zuntier'. Is-Sindku wieġbu kif fl-aħħar qed jixgħelu l-fanali ta' fuq iz-zuntier u l-ħsara ġiet rranġatha. Hemm xi bozza waħda biss qed iteptep ftit imma ser jgħid lil ħaddiema biex jittawlilha meta jistgħu.

62.5.4 Il-Viċi Sindku Daniel Mallia staqtsa dwar korrispondenza numru 2023/617 – 'Zebra Crossing ħdejn iċ-ċimiterju'. Is-Sindku nfurmah kif dik hija waħda mill-ħafna korrispondenzi li huwa bgħat bħala Sindku biex issir żebra crossing jew xi safety measure fejn iċ-ċimiterju ta' Ħal Lija biex residenti jkunu jistgħu jaqsmu b'mod sigur meta jżuru ċ-ċimiterju.

62.5.5 Il-Kunsillier Zahra staqtsa dwar korrispondenza numru 2023/625. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatu kif l-Animal welfare qed titlob lista aġġornatha tal-cat feeders li hemm fir-raħal biex ikollhom fir-records tagħhom f'każ li l-Animal Welfare toħroġ xi skemi jew vouchers biex il-cat feeders jkunu jistgħu jiġu mgħottija l-għajnuna.

62.5.6 Il-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia staqsiet dwar korrispondenza numru 2023/630 – Tal-Mirakli Garden. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatha kif dik kienet imejl ta' grazzi mingħand residenta fejn irringrazzjat lil kunsill tax-xogħol li sar fit-tibdil tas-safety flooring u tal-play equipment fil-Ġnien tal-Mirakli.

## 62.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Rapport Finali tal-Estimi Finanzjarji għas-sena 2024

62.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sindku nfurmaw lil Kunsilliera kif l-Allokazzjoni finanzjarja mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali waslet u b'hekk l-accountant tal-Kunsill setgħa jagħmel drafting tar-Rapport tal-Estimi finanzjarji għas-sena 2024. Kopja ta' dan ir-rapport draft intbgħatet lil Kunsilliera qabel il-laqgħa.

62.6.2 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv spjegaw kif bejn wieħed u ieħor l-estimi finanzjarji tas-sena 2024 ser ikunu simili ħafna għall-estimi tas-sena 2023, u mhux ser ikun hemm xi varjazzjonijiet kbar. Huma qraw il-figuri ta' dan ir-rapport fid-dettal.

62.6.3 Ġie spjegat li  d-dħul totali huwa estimat li jkun €394,540. Dan id-dħul jikkonsisti minn €357,540 allokazzjoni mill-Gvern Lokali, €17,00 minn bye-laws,€8,000 minn LES u €12,000 minn dħul ieħor.

62.6.4 Il-Kunsill Lokali ser ikollu wkoll nefqa totali ta' €420,295. Din in-nefqa tikkonsisti minn €128,630 salarji, pagi u *allowances*, €222,357 għal servizzi mgħottija minn kuntratturi u manutenzjoni fir-raħal, €53,071 għal servizzi li għandhom x'jaqsmu mal-amministrazzjoni, nfiq finanzjarji €8,000 u nfiq ġenerali ieħor ta' €8,237.

62.6.5 Dan ifisser li l-kunsill lokali ser ikollu *deficit żgħir*  ta' €25,755 għas-sena 2024. Ġie rrimarkat li l-kunsill ser jagħmel tajjeb għal din iċ-ċifra tad-*deficit* billi japplika għal diversi fondi u skemi matul is-sena.

62.6.6 Wara din l-ispjegazzjoni, is-Sur Dalli staqsa lil kunsilliera jekk għandhomx xi mistoqsijiet. Mistoqsijiet ma kienx hemm.

62.6.7 Is-Sindku qal kif dan ir-rapport ser ikompli jiġi rfinat tal-aħħar mill-accountant taħt is-supervizzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv. Il-qafas tiegħu hemm qiegħed però jaf jkun hemm xi tibdili minimu u huwa qal lil Kunsilliera kif din hija xi ħaġa li ser tieħu ħsieb is-Segretarju mal-accountant. Dan ir-rapport flimkien mal-aħħar ftit tibdil neċessarju li jkun hemm bżonn isir, biex bħala rapport jkun komplut, ġie unanimament approvat fuq proposta tal-Kunsillier Ċini li kien issekondat mill-Viċi Sindku Daniel Mallia.

***Il-Ħin kien 6:00pm x'ħin il-Viċi Sindku Daniel Mallia talab biex ikun skużat u joħroġ mill-laqgħa***.

## 62.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Raba Rapport ta' Kull kwart għall-Perjodu Jannar sa Diċembru 2023

62.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif dan ir-rapport għadu qed jiġi kkumpilat minħabba li għadu qed isir l-inputting fis-sage u ser jitella għall-approvazzjoni fis-seduta li jmiss.

## 62.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-Pjan ta' Ħidma (Business Plan) għall-perjodu 2024-2028

62.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif dan ir-rapport għadu qed jiġi kkumpilat u ser jitella għall-approvazzjoni fis-seduta li jmiss.

## 62.9 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

62.9.1.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-performance appraisal reports tal-ħaddiema klerikali għas-sena 2023
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda kopja tal-*appriasal performance reports* tal-ħaddiema klerikali għas-sena 2023, għall-approvazzjoni tas-Sindku u l-Kunsilliera.

62.9.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsill li għas-sena 2023 b'kollox iridu jiġu kkunsidrati ħames (5) *appriasal reports*:

- Tas-Sinjura Dorianne Bonniċi Bondin fuq il-*performance* li hija tat fil-pożizzjoni ta' assistent prinċipal għal perjodu minn Jannar sa Diċembru 2023;
- Tas-Sinjura Diane Abela Penza fuq il-*performance* li hija tat fil-pożizzjoni ta' Uffiċċjal Eżekuttiv għal perjodu minn 01 Jannar sa 24 Ottubru 2023;
- Tas-Sur Roderick Debono fuq il-*performance* li huwa ta fil-pożizzjoni ta' Skrivan għal perjodu minn 01 Jannar sa 03 Lulju 2023;
- Tas-Sur Francesco Scicluna fuq il-*performance* li huwa ta fil-pożizzjoni ta' Uffiċċjal Eżekuttiv għal perjodu minn 02 Ottubru sa Diċembru 2023; u
- Tas-Sinjura Nicolette Mallia fuq il-performance li hija tat fil-pożizzjoni ta' Skrivan għal perjodu minn 20 Novembru sa Diċembru 2023.

62.9.1.3 Bħala Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Pamela Seguna tkelmet fuq dawn l-*appraisal reports* u hija pproponiet li l-ħaddiema klerikali kollha msemmija jingħataw rapport tajjeb bil-*full performance bonus* ta' 6%, dan abbażi tal-*performance* eċċellenti li huma taw fil-pożizzjoni tagħhom matul is-sena 2023. Il-Kunsill lokali għandu tijm amministrattiv ferm tajjeb u produttiv fi xogħlu.

62.9.1.4 Il-Kunsill unanimament approva dawn l-appraisal performance reports kif ġie rrakkomandat mis-Segretarju Eżekuttiv. Dawn ir-rapporti diġà ġew approvati fis-seduta ta' Diċembru 2023 iżda peress li l-performance bonus tas-sena 2023 jingħata fix-xahar ta' Jannar 2024, is-Segretarju Eżekuttiv ħasset il-ħtieġa li terġa ttella dawn ir-rapporti għall-approvazzjoni propju fis-seduta ta' Jannar.

62.9.2.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Performance Appraisal report tas-Segretarju Eżekuttiv għas-sena 2023
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda kopja tal-*appriasal performance report* tagħha għas-sena 2023, għall-approvazzjoni tas-Sindku u l-kunsilliera. Is-Sinjura Seguna ħarġet ftit mill-kamra biex jiġi diskuss dan ir-rapport.

62.9.2.2 Is-Sindku ddiskutha dan ir-rapport mal-kunsilliera u kif intemmet din id-diskussjoni s-Sinjura Seguna reġgħat ġiet imsejħa lura fil-laqgħa. Is-Sur Dalli nforma lis-Sinjura Seguna li l-kunsill unanimament approva l-*appraisal performance report* tagħha bi persentaġġ full ta' 10% li għandu jiġi mgħotti minn naħa tal-Kunsill, għaliex il-kumplament tal-persentaġġ (ta' 5%) minn naħa tad-dipartiment tal-Gvern Lokali ssa jrid jiġi approvat.

62.9.2.3 Is-Sindku qal lis-Sinjura Seguna kif huwa qed jittama ukoll li d-Dipartiment tal-Gvern Loakli minn-naħa tiegħu ukoll jagħtiha l-persentaġġ il-full tal- 5%, għaliex finalment hekk jixraqilha tal-ħidma u l-istinkar li hija dejjem tagħti. Is-Sinjorina Seguna irringrazzjat ħafna lis-Sindku u l-kunsilliera kollu.

62.9.3.1 Tender Opening report – Implimentazzjoni u Manutenzzjoni ta' tabelli u sinjali
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-kunsill kopja tal-opening report tat-tender tal-implimentazzjoni u manutenzjoni ta' tabelli u sinjali. Kopja ta' dan ir-rapport intbagħat lil Kunsilliera qabel il-laqgħa.

62.9.3.2 Is-Sinjura Seguna spjegat lil Kunsilliera kif l-offerti għal din it-tender nfetħu fl- 4 ta' Jannar u b'kollox il-kunsill irċieva żewġ offerti. Dawn l-offerti issa ser jibdew jiġu evalwati mill-bord tas-soltu li jikkonsisti minn Chris Falzon, Romina Periċi Ferranti u Dr. Errol Cutajar. Aktar dettalji l-quddiem wara li titlesta l-evalwazzjoni.

62.9.4.1 Aġġornament dwar l-Evalwazzjoni – Servizz Professjonali ta' Perit
Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lis-Sindku u lil Kunsilliera li meta sar l-opening ta' dan it-tender b'kollox kien hemm sitt offerti. L-evalwazzjoni mill-bord bdiet u għada għaddejja għaliex kien hemm bżonn li jsiru xi klarfikazzjonijiet lil

bidders. Il-klarifikazzjonijiet li saru jagħlqu fi 12 ta' Jannar u wara din id-data titkompla l-evalwazzjoni. Aktar dettalji ser jingħataw il-quddiem.

62.9.5.1 <u>Aġġornament dwar l-Evalwazzjoni – Servizz ta' Contracts Manager</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lis-Sindku u lil Kunsilliera li meta sar l-opening ta' dan it-tender b'kollox kien hemm żewġ offerti. L-evalwazzjoni mill-bord saret u ġiet konkluża. Il-Bord tal-Evalwazzjoni qed jissuġġerixxi li din it-tender tingħata lis-Sur Raphael Carabott, għax bħala bidder huwa kellu l-irħas offerta.

62.9.5.2 Is-Sinjura Seguna spjega kif diment li l-kunsill jixtieq li jipproċedi abbażi tad-deċiżjoni li qed jissuġġerrixi l-bord hija ser tipproċedi bil-proċedura onlajn, fejn jitella r-rapport tal-evalwazzjoni u jintbgħatu n-notifiki bis-sistema lil bidders. Diment li wara għaxar tijim minn meta jintbgħatu n-notifiki ma jkunx hemm appelli umbgħad ser jiġi kkuntatjat is-Sur Raphael Carabott biex jiġi jiltaqgħa mal-Kunsill u jiffirma il-kuntratt biex jibda b'mod imminenti. Is-Sindku u l-Kunsilliera qablu li l-kunsill għandu jimxi mad-deċiżjoni tal-bord.

62.9.6.1 <u>Aġġornament dwar l-Evalwazzjoni – Servizz ta' knis fir-raħal</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv għarfet lil kunsilliera kif l-evalwazzjoni biex jiġi awarded tender ġdid għas-servizz tal-knis fl-aħħar ġiet konkluża. Is-Sinjura Seguna fakkret li għal dan is-servizz mhux ser tintagħżel l-irħas offerta għaliex it-tender inħareġ BPQR. Kompliet tgħid kif il-Kunsill b'kollox kien irċieva seba offerti u flimkien bl-għajnuna tas-Sur Chris Falzon issa hija ser tkompli bil-proċedura online tal-evalwazzjoni biex b'hekk jiġi determinat minn fuq l-Epps liema kuntrattur ser jiġi awarded it-tender skond il-marki li ġew allokati.

62.9.6.2 Is-Sa Seguna qalet li wara bl-għajnuna tas-Sur Chris Falzon ser tkompli tħejji r-rapport tal-evalwazzjoni u tibgħat kopja tiegħu lil kunsill kollu biex ikunu nfurmati dwar liema bidder ser ikun awarded it-tender. Talbet għall-approvazzjoni tas-Sindku u il-kunsilliera biex tkun tista tmexxi minnufih bl-uploading tar-rapport tal-evalwazzjoni onlajn flimkien man-notifiki lil bidders. Il-Kunsill unanimament approva t-talba tas-Sinjura Seguna u ser jafda f'idejha biex tmexxi kif suppost u kif dejjem għamlet.

62.9.7.1 <u>Żjara il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija minn l-Hon. Alison Zerafa Ċivelli</u>
Kif diġà għarfet lis-Sindku u lil Kunsilliera b'permezz ta' messaġġ, Is-Sinjura Seguna qalet li nhar il-Ħamis 11 ta' Jannar 2024 ser tkun qed issir żjara fl-uffiċini tal-Kunsill minn Hon. Alison Zerafa Ċivelli fl-10:00am. Hon. Alison Zerafa Ċivelli qed tittama li dakinhar tiltaqgħa u titkellem ma' kulħadd (Sindku, Kunsilliera, Segretarju Eżekuttiv, l-Amministazzjoni u ħaddiema). Għalhekk talbet lil Kunsilliera biex jieħdu nota tad-data u l-ħin għaliex kulħadd mistieden jattendi.

62.9.8.1 <u>Servizz ta' Trasport lil anzjani bil-vann tal-Kunsill – Kunsiderazzjoni ta' vjaġġi fi bereġ ġodda</u>
Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv tkellmu dwar is-servizz ta' trasport li qed jingħata lil anzjani biex ikunu jistgħu jattendu għal visti mediki li huma jkollhom matul il-ġimgħa. Is-Sindku qal kif dan kien qed isir grazzi għal ħaddiema Frankie u Marco u s-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid grazzi lis-Sindku ukoll għaliex meta ma jkunx is-shift tal-ħaddiema huwa s-Sindku li jagħmel dawn il-vjaggi. Sa ssa l-vjaġġi kienu qed isiru biss lejn Sptar Mater Dei, Sptar San Luqa (Karin Grech) u l-PolyClinic ta' Birkirkara. Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li meta jkun possibbli u sintendi jekk jkun hemm xufier disponibbli l-kunsill ser jikkunsidra li jsiru vjaġġi fi diversi bereġ u postijiet mediki oħra.

62.9.8.2 Il-Kunsilliera ma sabux oġġezzjoni li jsiru dawn il-vjaġġi ġodda u ħadu nota ta' din l-informazzjoni.

62.9.9.1 <u>Implimentazzjoni ta' Traffic mangement ġdid fi Vjal it-Trasfigurazzjoni</u>
Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li kif jiġi konkluż ix-xogħol tal-pavimentar u tar-reinstatement fi Vjal it-Trasfigurazzjoni, l-Kunsill ser jimplementa s-sinjali tat-traffic management ġodda. Fosthom ser isir xi refreshing bżonnjuż tal-kaxxi tal-parking, jsiru slow Signs u tabelli tal-40km/hr fuq struzzjoni ta' TM, u jekk jkun il-każ xi sleeping policemen etċ. Il-Kunsilliera qablu, ma sabux oġġezzjoni u ħadu nota ta' din l-informazzjoni.

62.9.10.1 <u>Implimentazzjoni ta' Traffic management ġdid fi Trejqet Francis Anthony Ebejjer</u>
Is-Sindku nforma lil Kunsilliera kif riċenti qed ikun hemm ħafna lmenti bejn ir-residenti li joqgħodu ġewwa fil-pjazzeta li hemm fi Trejqet Francis Anthony Ebejjer. Il-Karozzi minn dejjem kienu jipparkjaw hemm ġew b'ċertu mod però riċenti kienu qed issiru ħafna kontravenzjonijiet f'din l-akwata għaliex il-karozza, kif qed jipparkjaw, qed jiġu meqjusa li jistgħu jkunu ta' ostaklu f'każ li jkun hemm bżonn xi ambulanza. Allura f'din it-Triq hemm bżonn li jsiru l-kaxxi kif meħtieġ u l-kunsill ser jikkonsulta ma' Transport Malta dwar dan.

62.9.10.2 Il-Kunsilliera qablu, ma sabux oġġezzjoni u ħadu nota ta' din l-informazzjoni.

62.9.11.1 <u>Informazzjoni dwar il-Ħaddiem li l-Kunsill għandu taħt l-iskema tal-Community</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv għarfet lil Kunsilliera kollha kif is-Sur George Sammut, l-unika ħaddiem li l-kunsill baqalu ngaġġat taħt l-iskema tal-community workers ser jirtira fl-aħħar ta' Ġunju 2024. Hija kompliet tgħid kif diġà kitbet lil kumpanija biex jekk possibbilment taħseb għal replacement. Il-Kunsilliera ħadu nota ta' din l-informazzjoni.

62.9.12.1 <u>Talba ta' ilqugħ fi Triq Annibale Preca kantuniera ma' Triq San Liċinju</u>
Tressqet talba fuq il-mejda tal-kunsill li saret minn residenta biex isir xi tip ta' ilqugħ (protective measure) quddiem ir-residenza tagħha fi Triq Annibale Preca kantuniera ma' Triq San Liċinju. Hija qed tagħmel din it-talba għaliex qed tgħid li l-karozzi minn Triq Annibale Preca qed jitilgħu b'wisq veloċità u tibża li xi ħadd jispiċċa jidħolla ġol-parapett.

62.9.12.2 Is-Sindku qal kif din hija xi ħaġa li l-kunsill għandu jitlob għal parir ta' TM. Il-Kunsill qabel li hekk għandu jsir u skond x'tgħid TM li jista jsir finalment għandu jsir.

62.9.13.1 <u>Ilqugħ kontra ilma tax-xita fi Triq is-Salvatur kantuniera ma' Triq Sir Ugo Mifsud</u>
Is-Sindku qal li qed jirċievi xi lmenti minn residenti li joqgħodu fi Triq is-Salvatur li qed jidħolhom l-ilma ġod-dar meta tagħmel ħafna xita. Qabel ma saret Triq is-Salvatur minn IM, fi Triq is-Salvatur ma' Triq Sir Ugo Mifsud kien hemm qisu biċċa tarmac imqabbeż (bħal hump) li kien iservi ta' ilqugħ biex l-ilma tax-xita jaħbat ma' dan l-ilqugħ u ma jmurx kollu għal Triq is-Salvatur. Kemm ilha li saret it-triq, dan l-ilqugħ ma kienx reġgħa sar u għalhekk qed tiġi kkawżatha l-problema li hemm xi residenti fi Triq is-Salvatur li qed jidħolhom l-ilma.

62.9.13.2 Is-Sur Zahra ssuġġerrixa jekk jistax jsir sprall fin- nofs ta' triq biex l-ilma jmur fih u ħadd ma jbati. Is-Sindku qal li biex isir sprall jrid jiġi mqabbad ma x'imkien u hemmhekk ma tantx hemm fejn. Is-Sindku tal-parir li tintbagħat imejl lil IM fejn jiġu nfurmati bl-ilqugħ li kien hemm qabel saret it-triq u kif dan l-istess ilqugħ jew xi ħaġa simili ma kien reġgħa sar u minħabba f'hekk qed tinħoloq inkonvenjza lil ċertu residenti qed jidħolhom l-ilma meta tagħmel volum qawwi ta' xita. Il-Kunsilliera qablu li għandha tintbagħat din l-imejl biex IM tgħin u issib soluzzjoni għal din il-problema.

## 62.10 Festival Taċ-Ċitru 2024

62.10.1 Il-preparamenti għall-Festival taċ-Ċitru 2024 mixjin sew b'ritmu tajjeb grazzi għall-amministrazzjoni. Is-Sindku ressaq fuq il-mejda programm iddettaljat ta' kif ser ikun mqassam dan il-festival bħala stalls u attivitajiet li ser isiru. Programm anness mal-minuti. Il-Kunsilliera kollha qablu ma' dan il-programm.

62.10.2 Is-Sindku qal kif iltaqgħa ma' ħafna nies li huma nteressati jarmaw fiċ-ċitru. Is-Sur Dalli kompla jgħid ukoll kif rappreżentant mir-Reġjun Lvant ukoll aktarx ser ikun qed jgħin lil Kunsill biex tinħoloq attività kbira ta' entertainment għat-tfal. Pero din ser ikollha ssir x'imkien viċin tal-Pjazza, għaliex fil-Pjazza ma tantx baqa post fejn joqgħodu affarijiet. Il-ħsieb huwa li jekk possibbli din l-attivita ssir fi Triq il-Knisja. Is-Sindku qal li għandu jiltaqgħa ma' dan ir-rapreżentant tar-Reġjun biex jara fejn tista ssir din l-attivita, viċin tal-Pjazza.

62.10.3 Wara Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet lista fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-kunsill li tinkludi lista ta' servizzi li ser jingħataw waqt il-festival u l-ispiża tagħhom. Hija nfurmat lil Kunsilliera li għal ftit mis-servizzi il-kunsill għadu qed jistenna kwotazzjoni eżatti. Lista annessa mal-minuti. Il-Kunsilliera kollha ħadu nota ta' din il-lista u approvaw is-servizzi kollha li kien hemm msemmija flimkien mal-ispejjeż inklużi.

62.10.4 Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sindku għarfet lil Kunsilliera kif dwar il-Festival taċ-Ċitru ser tkun qed issir konferenza stampa. Din aktarx ser issir fit-18 ta' Jannar 2024 fi 2:30pm, però kemm id-data u l-ħin għadt jridu jerġgħu jiġi kkonfermati. Is-Sindku qed jipprova jsib ġnien fir-raħal li fih għandu siġar tal-larinġ bħala venue għal din il-press conference. Il-Kunsilliera mistiedna jattendu.

## 62.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u spejjeż oħra

62.11.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 1/24 li kienet tinkludi l-ammont tal-*petty cash* ta' €67.81 għax-xahar ta' Diċembru.

62.11.2 L-iskeda ta' ħlasijiet imressqa (numru 1/24) kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia li kienet issekondatha mill-Kunsilliera Calcedonio Ċini. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta' Ħal Balzan għalqet għal kollox, l-pagament tal-

*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-Sindku u s-Sindku umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lis-Segretarju Eżekuttiv lura.

## 62.12 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

62.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif applikazzjoni alarmanti riċenti ma kienx hemm.

62.12.2 Is-Sindku però għamel rimarka żgħira dwar applikazzjoni nru PA00973/23 – proposal for a new bulk LGP storage facility- Lija residence Complex 29, Triq Robert Mifsud Bonniċi, Ħal Lija. Huwa qal li l-każ ta' din l-applikazzjoni suppost għandu jerġa jinstema dalwaqt fis-16 ta' Jannar 2024 u allura hemm bżonn li l-Kunsill jerġa jqabbad l-istess avukata li kien diġà qabbad biex dakinhar tirrappreżenta lil Kunsill u tkompli ssegwi l-każ. Il-Kunsilliera qablu u ma sabux oġġezzjoni.

## 62.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

62.13.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-Sindku staqsa lil Kunsilliera jekk jixtiequx jagħmlu xi kummenti, suġġerimenti jew mistoqsijiet addizzjonali oħra.

62.13.2 Il-Kunsillier Ċini ħa l-opportunieta li jirringrazzja lil Kunsill kollu tax-xogħol biex l-attivitajiet tal-Milied kollha kienu ta' suċċess.

62.13.3 Il-Kunsillier Ċini reġgħa tkellem dwar il-bozoz li l-kunsill biddel fir-raħal. Huwa staqsa lis-Sindku jekk dawn il-bozoz mhux ser jitweħlu x'imkien ieħor. Is-Sindku wieġbu li iva dak huwa l-pjan u fi seduti preċedenti l-Kunsill tkellem diġà dwar din il-materja u hemm lista li kien qabel dwarha l-kunsill dwar fejn jistgħu jitweħlu dawn il-bozoz. L-implimentazzjoni ta' dawn il-bozoz mhux waħdi faċli u jieħdu iż-żmien għaliex għal kull bozza ġdida il-kunsill jrid japplika ma' Enemalta bi STL form. Is-Sur Ċini xtaq iżid post ieħor fejn tista titweħħel waħda minn dawn il-bozoz, l-isfel minn Apap store kif tidħol għal Triq Karlu Darmanin għax hemm nuqqas ta' dawl. Is-Sindku qal kif ser jiċċekkja dwar dan imma suppost hemmhekk hemm dawl li juri biżżejjed bil-fanal il-ġdid li sar riċenti. Is-Sindku qal kif hemmhekk li hemm huwa garaxx li miegħu hemm bozza safra u li kieku tiġi bajda aħjar.

62.13.4 Il-Kunsillier Ċini qal li avviċinah resident mir-raħal dwar Triq Robert Mifsud Bonniċi u jekk jistax jsir xi ħaġa minħabba s-sigurta għax din it-triq vera saret perikoluża u traffikuża, speċjalment ħdejn il-grawnd tat-tfal. Is-Sindku qal kif fi seduta preċedenti huwa diġà qajjem dan il-punt għaliex anke lilu kellmuh xi nies u kien ippropona li t-triq issir one-way ħlief għat-trasport pubbliku, però donnu ma kienx hemm daqshekk appoġġ dwar din l-implimentazzjoni minn naħa tal-kunsilliera. Il-Kunsill kemm il-darba anke bgħat għal uffiċċjal tal-komunita biex ikun hemm enforcement, però wara jinqalaw ħafna lmenti mir-residenti għax jkunu qalaw kontravenzzjoni. Il-Kunsillier Zahra ta suġġeriment biex is-siġar li hemm mal-grawnd jiddaħħlu l-ġewwa, biex anke il-parking jidħol il-ġewwa u titwessa t-triq. Is-Sindku ssuġġerrixxa ukoll li tista anke t-triq issir one-way fil-ġranet ta' meta jkun hemm in-nursery miftuħa biss la l-problema ta' sigurtà qiegħda hemm l-aktar. Finalment is-Sindku qal kif il-Kunsill din jista jiddiskutiha fi seduta oħra però jrid joqgħod attent ħafna ta' x'azzjoni jieħu għaliex din hija kwistjoni ta' xafra li taqta miż-żewġ naħat.

62.13.5 Il-Ħin kien 6:44pm x'ħin ntemmet is-seduta. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 13 ta' Frar 2024 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa issir fl-5:30pm mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

Konfermati, illum it-Tlieta 13 ta' Frar 2024.

IFFIRMAT
Anthony Dalli
Sindku

IFFIRMATA
Pamela Seguna
Segretarju Eżekuttiv

# FESTIVAL TAĊ-ĊITRU 2024

## IL-ĦADD/ SUNDAY 21/01/2024 9:00 – 16:00 – PJAZZA TRASFIGURAZZJONI/ PARTI MINN VJAL IT-TRASFIGURAZZJONI

**LOCAL COUNCIL STAND:**

Bejgħ ta' laringi fejn id-donazzjonijiet immorru għar-restorazzjoni tal-Parroċċa.
Oranges for a donation to help Parish Church Restoration.

Frott - bħal banana u tuffieħ b'xejn għat-tfal li jżuru l-attivita'.
Healthy Eating - bananas and apples to give away to all children present.

**GAZEBO**

**9:15** - Taħdita dwar il-kultivazzjoni tas-siġar u xtieli – Dione Caruana
**10:00 – 12:00**
Chef ( – Preparazzzjoni ta' ikel li jinkludi ċ-Ċitru fil-post u tasting.
Chef – Preparation of food with Citrus on site and tasting.
**12:00 – 14:00**
Mixologist li jħejji xarbiet biċ-ċitru bla alkoħol u tasting.
Mixologist to introduce beverage with orange and other citrus flavors and tasting.

Tistaw iżżuru Dar Mużew Tradizzjonali Ġino & Jospehine Mangion House.

**10:15**
Tberik ta' l-annimali organizzata mill-Għaqda Festi Esterni.

**12:00 – 14:00**
Jieħdu sehem il-Grupp tal-Fuklar mill-Gżira Għawdxija.

**Rokna ta' Attivitajiet għall-Familja kollha**
Magic Show, Bouncy Castle u Crazy Golf game

**OĦRAJN/ OTHERS**

| | | |
|---|---|---|
| Bejjiegħ tal-ħaxix u frott | - | Fruit & Vegetable Vendor |
| Bejjiegħ tal-Fjuri | - | Flower Vendor |
| Bejjiegħ tal-Artiġjanat | - | Artisans Vendor |
| Bejjiegħ Għasel, Olive Oil & Ħwawar | - | Honey, Olive Oil & Spices Vendor |
| Bejjiegħ tal-Qubbajt, Ħelu u Ikel tradizzjoniali | - | Nougat & Traditional Maltese Food & Sweets - |

Membri tal-Kavalerija tal-Pulizija ta' Malta
Community Policing Officials

Ikel u xorb.
Ser tieħu sehem il-Banda San Pio X Ħal Lija.

# CITRUS FESTIVAL 2024 EXPENSES

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | |
| **Hiring of Gazebo 8mx8m & Truss Frame for Backdrop** | | | |
| **A&S Signs and Events** | **€1,209.50** | | |
| The AV Warehouse | | €1,882.10 | |
| MFCC | | €3,498.70 | |
| | | | |
| **Bouncy Castle & 5 different crazy golf course** | | | |
| Maria Homoki JumpMalta Events | €600.00 | | |
| | | | |
| **Magic Show** | | | |
| Alfred Mifsud | €140.00 | | |
| | | | |
| **Service of Band** | | | |
| San Pio X Band Club service from 10am till 12pm | €600.00 | | |
| | | | |
| **Folklore Group Service** | | | |
| Michael Refalo | €480.00 | | |
| | | | |
| **Food Demostration IRO Citrus Festival** | | | |
| Dr. Paulino Schembri 10am - 12pm | €240.00 | | |
| | | | |
| **Purchase of 40 pkts water** | | | |
| Farsons Direct | €170.90 | | |
| Hiring of 10 BBQ Picnic benches | | Free | |
| | | | |
| **Hiring of 10 Kanizzati** | | | |
| MTA | €100.00 | | |
| | | | |
| **Transport of kanizzati** | | | |
| C.Abela | €70.00 | | |
| | | | |
| **Community officers Service** | | | |
| LESA | | | |
| | | | |
| **Police Service** | | | |
| 2 Police Buon Ordni, 1 Police Clear of cars, | | | |
| 2 Police Kavalerija | | | |
| | | | |
| **Hiring of umbrellas** | | | |
| A&S Signs and Events | €649.00 | | |
| | | | |
| **Hiring of tables and Chairs** | | | |
| | | | |
| | | | |
| **Insurance Coverage** | | | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| MIB Insurance | | | |
| | | | |
| **Risk Assessment** | | | |
| Maris Farrugia | €324.50 | | |
| | | | |
| **Sweeping Service** | | | |
| Galea Cleaning Solution | €70.80 | | |
| | | | |
| **Mixologist** | | | |
| James Aquilina | €0.00 | Free of Charge | |
| | | | |
| **Organizer** | | | |
| Stephen Bonello | €200.00 | | |
| | | | |
| **Service of Ambulance** | | | |
| St. John Ambulance | €250.00 | | |
| | | | |
| **Sound Service** | | | |
| Alec Massa | | | |
| | | | |
| **Arbli tal-Festa tizjin** | | | |
| Ghaqda Festi Esterni | €600.00 | | |
| | | | |
| **Hiring of Toliets** | | | |
| | | | |
| | | | |
| **Security for 2 nights** | | | |
| G4s | | | |
| | | | |
| **Hoodies for Activity** | | | |
| JVE Promotions | | | |
| | **€5,704.70** | | |